Organu tal-"Malta Police Association"
Ippubblikat minn
Associated News (Malta) Ltd.
Stampat fil-Union Press
Editur — Michael Marshall

IL-PULIZIJA

# The Police Postal Agencies

By Nick Cutajar

## WHEN POLICE SOLD STAMPS

The Police Force's main function is to preserve the laws of the country and maintain public order. The Force in Malta, over the years since its existence and up to the present days, has been contributing other "non-police" type of service towards the nation. This is true today as during the early days of the Malta Police Force.

It will come as a surprise to the majority of members in the Police Force that towards the end of the nineteenth century, Postal Agencies were set up within the village Police stations in Malta and Gozo. Presumably no living member in the Force remembers the Postal Agency functioning as late as 1921.

Before proceeding any further, a brief explanation of a Postal Agency is appropriate. At the moment, in Malta, three postal agencies are functioning, one each at Birżebbuġa, St Julians and St Paul's Bay, and up to a few months ago, another at Qormi. Postal Agencies, normally housed within Bookshops, or any other kind of shop, within a small community, offers the general public most postal facilities, including the selling of postage stamps, registration of letters and the posting of parcels. However postal agencies do not offer the delivery of letters, which is done by postmen from the nearest Branch Post Office within the district. Thus postal agencies, run by the owner of the premises, only offer a limited but important postal facilities to the community.

## THE EARLY POSTAL SERVICE

The first form of local postal service was introduced in the first half of the 19th century. It was an inefficient and unorganised local post, the delivery and collection of letters being under the care of a Mail Contractor, who it has been suggested employed (illitterate) boys.

On the initiature of the Council of Government, in 1853, a daily delivery of letters in Valletta and the three cities was launched. No postage was charged on the local correspondence. On the 1st December 1860, the first Malta stamp, the half penny Q.V. Yellow was issued and the free local postage was terminated.

## POSTAL AGENCIES AT THE POLICE STATIONS

In 1891 the Police stations of 26 villages in Malta and Gozo were authorised to sell postage stamps. Thus the Police Force became involved directly with the G.P.O. and the local postal service, the Police Stations had become Postal Agencies.

The Force's involvement with the local postal service began a few years earlier. It had been suggested that during the second half of the century, members of the Force combined the delivery of letters with their other duties. From 1883, the Mail Contractor was required to employ the sons of serving policemen. Ten years later, the agreement with the Mail Contractor was termined and the General Post Office took over completely the collection and delivery of

CONT. P.9

# EDITORJAL

## RIŻENJA XOTTA

QATT inzertajtu xi membru tal-Korp dieħel id-Depot b'xi sorra ħwejjeġ u tagħmir ieħor? Dan jagħmlu wara li jkun temm l-impjieg tiegħu fis-servizz.

F'mumenti bħal dawn il-pulizija ċertament li jixtieq jiltaqa' ma' sħabu forsi għall-aħħar darba. Iżda jiġri li ħafna drabi dan ma jiltaqa' ma' ħadd u dawk l-awguri li forsi jkun ħolom bihom jibqgħu biss fl-immaġinazzjoni tiegħu. U hekk jispiċċa bħal dik il-warda li dbielet u li issa ħadd ma jagħti każha — dan wara li jkun ta l-aħjar żmien ta' ħajtu lis-servizz.

Wieħed jistenna li meta l-pulizija jtemm l-impjieg tiegħu għandu jkollu l-aħħar laqgħa ma' l-Ispettur u s-Suprintendenti tiegħu kif ukoll mal-Kummissarju li jista' wkoll jipprezentalu ċ-ċertifikat tas-servizz tiegħu. F'ċerti pajjiżi, il-Pulizija qabel jirtira mis-servizz jiltaqa' mal-kapijiet tegħu. Fl-imgħoddi kienet xi ħaġa stramba li l-Pulizija jkellem lill-Kummissarju, iżda llum ma għadhiex. Din il-laqgħa ta' ftit minuti tibda tifkira f'moħħ dak il-penzjonant li jgħaddu kemm igħaddu snin jibqa' dejjem dak id-demm pulizjesk jiġri ġol-vini tiegħu.

Kemm tkun ħaġa sabiħa kieku fid-diviżjoni jew sezzojni fejn ikun stazzjonat il-pulizija ssir bibita żgħira u jinxtara xi rigal imqarr ta' ftit ċenteżmi u jiġi rregalat lil dan il-pulizija. Dan ġieli sar u allura għaliex ma jsirx għal kulħadd u f'dan il-ftit mumenti ninsew x'differenzi u x'difetti seta' kien hemm bejnietna. Din żgur li tkun l-isbaħ tifkira li l-Pulizija jista' jkollu u tnessilu ftit minn dak il-morr li forsi dagħaq matul il-karriera tegħu.

**Il-Bord Editorjali.**



# Small outside. Big inside.

Everybody's raving about the Toyota STARLET, the small little car with the great big interior: four adults and their luggage in total comfort.

They rave about how miserly it is with fuel too. And about the unbelievable comfort and handling.

You get the good looks and aerodynamic efficiency of unique AEROBOX styling. And you get world-renowned Toyota quality.

Test-drive our small little big car – Toyota STARLET – at your Toyota dealer today. It's great.




**THE HAPPY ECONOMIZER**

# TOYOTA STARLET

TOYOTA

**MICHAEL DEBONO** ***ZEBBUG TEL: 647423***

# IL-MESSIJIET FID-DEPOT MINN E.A.



IL-MESS FIL-IMGHODDI

IL-MESSIJIET fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija llum huma miżmuma skond ir-regolamenti tal-Pulizija tal-1960. F'dawn ir-regolamenti nsibu li l-Kummissarju tal-Pulizija jista' jżomm fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, Mess għall-membri tal-Korp mhux taħt ir-rank ta' Spettur imsejjaħ "Officers' Mess" u mess ieħor għall-membri taħt ir-rank ta' Spettur imsejjaħ "Other Ranks Canteen".

Skond l-istess regolamenti, dawn il-messijiet għandhom ikunu mmexxija skond id-direttivi li jistgħu jingħataw mill-Kummissarju minn żmien għal żmien.

Dwar is-sottoskrizzjoni, ir-regolamenti jgħidu li dawn huma obbligatorji għall-"Officers' Mess" iżda din is-sottoskrizzjoni ma għandhiex tiżdied mingħajr il-kunsens tal-maġġoranza ta' l-uffiċjali ta' dak ir-rank partikolari. Fil-każ ta' l-"Other Ranks Canteen" ma hemm l-ebda sottoskrizzjoni.

Il-messijiet x'aktarx li bdew fil-kwartieri tal-Pulizija fi żmien il-Kummissarju Bamford. Għidt x'aktarx għaliex ma nafx jekk kienx hemm xi ħaġa qabel dan il-Kummissarju. Li hu żgur huwa li f'ordni ta' l-imsemmi Kummissarju li ħarġet f'Diċembru tal-1920 tħabbar li kien se jinfetaħ Canteen fid-Depot mnejn kienu se jinbiegħu affarijiet tal-merċa (groceries) lill-membri tal-Korp bi prezzijiet baxxi. Għal dan il-għan inħatar Bord kompost mid-Deputy Commissioner, il-kaxxier tal-Pulizija, l-Ajjutant u s-Surġent Maġġur. L-istess ordni tgħid li l-Kummissarju kellu wkoll il-ħsieb li fil-Bord jinkludi Kuntistabbli. Dan, ċertament juri b'liema serjeta' kien jitmexxa dan il-Canteen.

Barra mill-bord imsemmi hawn fuq kien hemm ukoll Canteen Manager li dak iż-żmien kien is-Surġent 78 V. Coppini. Dan kien jilqa' wkoll is-suġġerimenti dwar it-tmexxija tal-Canteen mingħand il-membri kollha tal-Korp.

## IL-MESSIJIET FID-DEPOT TAL-BELT

L-ewwel messijiet li naf xi ħaġa dwarhom huma dawk fid-Depot tal-Belt Valletta, fejn illum hemm in-Knights Hall. F'dan il-post kien hemm żewġ messijiet, wieħed tal--Fizzjali u l-ieħor tas-Surġenti. Il-Kuntistabblijiet kellhom Recreation Room.

Il-Mess tal-Fizzjali (Officers' Mess) kien fis-sular ta' fuq. Minn tagħrif li akkwistajt mingħand penzjonanti anzjani stabbilixxejt li fir-Recreation Room kien hemm anke mejda tal-Billiard kif ukoll mejda tat-table tennis. Kien hemm xi żmien ukoll meta kien jitħejja l-ikel għall-pulizija.

Fuq l-istess suġġett nixtieq ngħid ukoll li fl-1924 kien hemm il-ħsieb li jinxtara radju għall-użu fl-Officers' Mess. Ir-radju kien jiswa £25 u dak iż-żmien kienet saret talba sabiex il-fizzjali jikkntribwixxu 25 cents (dak iż-żmien 5 xelini) kull wieħed. Jekk dan ir-radju nxtarax ma nafx.

## TA' FLEUR-DE-LYS MESSIJIET FID-DEPOT

Fi Fleur-de-Lys jingħad li l-Pulizija daħlet xi ftit jew wisq imgerfxa, sintendi minħabba l-gwerra. F'dan il-post saru żewġ messijiet, wieħed għall-fizzjali u l-ieħor għall-Other Ranks'. Il-Mess tas-Surġenti spiċċa u dawn qasmu l-mess mal-Kuntistabblijiet.

Il-Canteen tal-Pulizija kien jikkonsisti f'żewġ swali, waħda żgħira u l-oħra kbira ħafna. Kien hemm ukoll kċina fejn kien jitħejja l-ikel għar-rekluti li dak iż-żmien kienu jieklu u jorqdu d-depot. F'dan il-canteen kien hemm ukoll żewġ imwejjed tal-Billiard.

## MESSIJIET FID-DEPOT TAL-FURJANA

### — L-Officers' Mess

L-Officers' Mess illum insibuh, bħal dejjem, fis-sular ta' fuq tal-Kwartieri Ġenerali tagħna u l-entratura tiegħu qegħda ħdejn l-uffiċċju tal-Kummissarju. Dan il-mess jikkonsisti f'entratura, sala kbira u oħra ftit iżgħar minnha mal-ġenb tagħha li oriġinarjament isservi ta' Dining Room iżda li serviet anke bħala Conference Room.

F'dan il-Mess isiru diversi laqgħat u riċevimenti meta jiġu mistiedna xi persuni distinti jew xi okkażjonijiet oħra. Fl-imgħoddi, nistgħu ngħidu li kienu jsiru aktar attivitajiet u jingħad li anke sar riċeviment ta' tieġ ta' xi tfal ta' Fizzjal tal-Korp.

Dan l-aħħar fuq l-inizjattiva tal-Kummissarju preżenti saru diversi arranġamenti f'dan il-Mess. Ta' min isemmi wkoll li l-fizzjali għandhom il-Mess Committee kif ukoll regolamenti dwar it-treġija ta' dan il-Mess.


Eagle Star
fully covers
these risks
There is always that risk that your house can be burgled! Your jewellery stolen! Your baggage lost while travelling! Business premises can be burgled or catch fire! Your car can be stolen! You can be injured! And many others. Let Eagle Star offer you security and peace of mind.
General agents for Eagle Star since 1907.
Thos. C. Smith & Co. Ltd.
(Est 1848)
12 St.Christopher Str
Valletta.
Tel 625685,
625071,
28180.
LOST

**— L-'Other Ranks Canteen'**

Il-Canteen fid-Depot tal-lum minn dejjem kien f'dan il-post. Fi Frar tal-1958 l-Association talbet sabiex isir rijorganizzazzjoni tal-Canteen fis-sens li ssir kċina, u li tittieħed il-kamra fejn illum hemm il-Billiard u li dak iż-żmien kienet Association Conference Room. It-talba ta' l-Association intlaqgħet u saret speċi ta' Recreation Room jew aħjar Sitting Room flok il-Conference Room. Kien ukoll ġie ssuġġerit li jinxtara television u ssir librerija. Wara xi żmien daħal il-Billiard.

Fl-1973 ittieħdet is-sala l-oħra ta' ħdejn il-Mess, fejn sar ukoll xogħol ta' pittura minn Raymond Pitre, dak iż-żmien Kuntistabbli u li llum ma għadux magħna. Din is-sala serviet għal attivitajiet fosthom diversi dinner dances, parties u oħrajn li nsemmi 'l quddiem. Il-Canteen, ma nafx l-għala, reġa' ġie inawgurat mill-Kummissarju fl-1974. Ta 'min isemmi wkoll li sa ftit tas-snin ilu fil-Canteen kien hemm Suggestion Box li suppost kienet isservi għas-suġġerimenti. Jidher li jew ħadd ma kien jagħmel xi suġġeriment jew ħadd ma kien jagħti każ tagħhom. Kieku llum kellha titwaħħal u jintefgħu s-suġġerimenti bis-serjeta', jiġifieri li wieħed jagħmel kritika kostruttiva, kieku l-affarijiet jistgħu jmorru aħjar. Iżda biex titwaħħal għal parenza, aħjar ma jsir xejn.

**L-IKEL FIL-MESS**

Kemm fid-Depot tal-B..'t kif ukoll f'Ta-Fleur-de-Lys u anke fejn ninsabu llum kien jitħejja l-ikel fil-kċina mhux biss għal waqt rinfors, iżda anke fil-ħin ta' nofsinhar. Illum l-ikel jitħejja biss waqt rinfors. Il-problema ta' l-ikel ilha tiġi studjata u ta' min jitrattaha bis-serjeta'. Bħala bidu, jista' anke wieħed iġib ftit timpani li jkunu ssajru barra l-Mess, u mbagħad naraw kif immorru.

**IL-MESS F'GHAWDEX**

Fl-1956 kien hemm il-ħsieb li jinfetaħ Mess f'Għawdex. Dan kien ġie diskuss mill-Kumitat ta' l-Association u kien sar qbil sabiex tingħata s-somma ta' £60 u skond dokumenti ta' l-Association jidher li kien kważi tħejja kollox, iżda l-Mess



IL-MESS ILLUM

baqa' ma nfetaħx.

**KUMITAT TAL-MESS**

Kif diġa' għidt, il-fizzjali għandhom il-Kumitat tagħhom. Rigward il-Canteen, fl-imgħoddi kien hemm kumitat kompost minn President, Segretarju u żewġ membri. Illum ma hemm l-ebda kumitat u hawn wieħed jagħmel tajjeb jissuġġerixxi t-twaqqif ta' Kumitat tal-Canteen. F'Novembru, 1976 l-Association kellha l-ħsieb twaqqaf dan il-Kumitat, iżda ġralu bħal ħafna affarijiet oħra u baqa' fuq xkaffa. Ir-raġuni għal dan seta' kien li ftit issib nies li lesti jieħdu fis-serjeta' t-treġija ta' dan il-Mess.

**ATTIVITA' FIL-MESSIJIET TAGHNA**

Sa ftit taż-żmien ilu kien hemm attivita sabiħa u nkoraġġanti fil-Canteen. Kienet bdiet issir tombla u wiri ta' films. Saru diversi dinner dances. F'dawn l-attivitajiet kienu jattendu l-membri tal-Korp flimkien mal-familji u l-ħbieb tagħhom. Illum spiċċa kollox u l-Mess qiegħed iservi biex tmur tieħu te jew flixkun minerali waqt rinfors jew waqt il-break.

Tkun ħaġa f'lokha kieku jerġa' jingħata bidu ta' attivita' f'dan il-Mess. Jistgħu jiġu organizzati kompetizzjonijiet ta' indoor games fosthom il-billiard. Dan jista' jsir wara l-ħin

TKOMPLI P.9



IS-SALA TA' [illegible] IL-MESS

# TIP TOP

FGURA, VALLETTA, RABAT, MOSTA

- PORTABLE TV'S
- RADIOGRAMMES
- CALCULATORS
- RADIOS
- RADIO CASSETTES
- TAPE RECORDERS
- FANS
- AND LOTS MORE

# TIP TOP

*your first and last choice*

# IL-PULIZIJA U L-IMNARJA

*Minn Walter Camilleri.*

GĦALINA l-Pulizija, l-Imnarja hi festa ma tantx tinżlilna. Hi festa bħal bqijja tal-festi l-oħra li f'xi ħin niġu ordnati w allura nidħlu xogħol. Bħal ħafna festi oħra, din il-festa għandha l-għeruq tat-tradizzjoni jsostnuha.

La semmejna t-tradizzjoni ngħidu xi ħaġa dwar din il-festa, li barra li hi festa reliġjuża, hi wkoll festa tradizzjonali li tfisser xi ħaġa aktar minn festi oħra. F'din il-festa nikkommemoraw il-martirju ta' l-Appostli San Pietru u San Pawl. Jifirħu f'din il-festa aktar minn ħaddieħor dawk ta' l-Imdina u tan-Nadur.

Kienu l-bdiewa tagħna li sawru din il-festa magħrufa, li sas-sena l-oħra kienet festa pubblika. Kienu huma li fittxew li għalmenu darba fis-sena jiltaqgħu flimkien biex juru 'l xulxin l-isbaħ prodotti tar-raba u l-bhejjem tagħhom. Din il-festa hekk iċċelebrata ilha fostna sa mis-seklu ħmistax. F'kelma waħda, igħidilna Dr. Herbert Ganado fil-memorji tiegħu, din il-festa hi festa tal-kanonċi, tal-bdiewa, tan-nobbli, tal-ġerrejja, tal-għarajjes u ta' l-għannejja. Hi festa tal-poplu kollu.

U la semmejna l-għarajjes ngħidu li, fil-kitba taż-żwieġ bosta kienu jniżżlu li għandhom imorru għall-festa ta' l-Imnarja, l-ewwel Imnarja fuq iż-żwieġ tagħhom. Illum, wara dan iż-żmien kollu, l-għarajjes u n-namrati qiegħdin imorru l-Imnarja qabel ma jiżżewġu! Fil-ġonna tal-Buskett f'din il-lejla ta' ferħ issir wirja liema bħalha ta' bhejjem; frott; inġenji; fjuri u ħxejjex oħra tar-raba qalb l-għana; il-famuża fenkata; ċajt u żuffjett.

L-Imnarja hi korruzzjoni tal-kelma Taljana "LUMINARIA" — Mixegħla — għax hekk kien isir fl-imgħoddi fir-Rabat u l-Imdina fil-festa ta' l-appostli San Pietru u San Pawl. Mixegħla biż-żejt. Hemm min igħid ukoll li din il-kelma ġejja mill-kelma "Hymen" li tfisser Alla taż-Żwieġ. Għalhekk għandha x'taqsam mal-kitba taż-żwieġ.

Fil-jum tal-festa, 29 ta' Ġunju, kienu jsiru tlielaq magħrufa "Tan-Nies" (irġiel) u tiġrijiet tal-Bhejjem. Għalihom kien jassisti l-Gran Mastru ta' l-Ordni li kien jixħet flus tad-deheb fuq il-folla. Dan kien isir mil-loġġa tal-ġebel li hemm taħt is-Saqqajja. Il-Gvernaturi, fi żmien l-Ingliżi, baqgħu jmorru għal dawn it-tiġrijiet u issa minflokhom jassisti l-President tar-Repubblika.

Wara li jintemmu t-tlielaq tan-nies kienu jitqassmu r-rigali lir-rebbieħa. Dawn kienu jkunu Milsa; Buxakka u Beritta. Lir-rebbieħa tat-tiġrijiet kien u għadu jingħatalhom il-famuż Palju. Dan il-palju tal-brokkat jew damask jikkonsisti f'arblu ta' l-injam irqieq twil madwar 3.50 metri, miżbugħ abjad u mdawwar b'faxx aħmar minn tulu. Ma' dan l-arblu jitwaħħal il-palju propju tad-drapp, twil madwar 2 metri u wiesa xi 52 ċentimetru. Hemm erba' kuluri — Aħmar; Aħdar; Abjad u Vjola. Id-drapp ta' dan il-palju jixbeh ħafna lid-drapp ta' l-ilbiesi liturġiċi tal-Knisja. Għalhekk, bosta palji jispiċċaw, fil-jiem ta' wara l-Imnarja, fil-knisja.

L-organizzazzjoni tat-tiġrijiet tradizzjonali ta' l-Imnarja kienet fil-bidu avdata f'idejn il-Gran Visconti tal-qorti kapitanali ta' l-Imdina. Mal-miġja ta' l-Ingliżi f'Malta, l-organizzazzjoni ta' dawn it-tiġrijiet għaddiet f'idejn il-Pulizija Eżekuttiva. Bħal ngħidu aħna, it-tiġrijiet baqgħu fl-istess linja ta' awtorita' għax il-Gran Visconti kien qisu l-Kummissarju tal-Pulizija ta' żmienna. Preċiżament ma nafux iż-żmien meta l-Pulizija ħadet f'idejha t-tiġrijiet tradizzjonali ta' l-Imnarja. Jiena tal-fehma li ilna nieħdu ħsieb dawn it-tiġrijiet madwar tmenin sena. Nispera li jkolli aktar żmien u ngħid għaliex b'aktar eżattezza.

F'dawn l-erba' tiġrijiet — Ħmir; Bgħula; Dwieb u Żwiemel — kien u għadhom jingħataw paljijiet bħala premju. Il-paljijiet kienu jinġarru mid-dilettanti mill-Imdina sal-loġġa tal-Gran Mastru qalb l-għajjat u l-brijju tal-folla. Ta' min igħid li l-Pulizija, barra t-tiġrijiet ta' l-Imnarja, torganizza u tieħu ħsieb it-tiġrijiet l-oħra magħrufa "Tal-Karmnu" li jsiru viċin jew fis-16 ta' Lulju, u dawk ta' "Santu r-Rokku" li jsiru fil-ġranet ta' wara Santa Marija. Hu importanti li ngħidu li dawn it-tliet tiġrijiet jitħabbru fil-Gazzetta tal-Gvern, u jsiru fit-triq ta' taħt is-Saqqajja. Ngħidu wkoll li t-tiġrijiet Tal-Karmnu fil-bidu tagħhom kienu jsiru tal-Pieta' fi Triq il-Prinċipessa Melita. Ritratt ta' din it-tiġrija nippubblikawh fil-ħarġa ta' Lulju.

F'dawn it-tliet tiġrijiet, mill-gwerra 'l hawn, bdew isiru tiġrijiet żejda mtella mid-dilettanti u li għalihom jipprovdu huma stess tazzi sbieħ bħala rigali. Dawn it-tiġrijiet jissejħu "Go As You Please". L-ispejjeż tat-tiġrijiet oriġinali joħorġu mill-estimi tal-Pulizija, vot għalihom biss.

Ilna dawn is-snin kollha nieħdu ħsieb it-tiġrijiet tradizzjonali ta' l-Imnarja, u oħrajn, bħalma d-Dipartiment tad-Dwana jieħu ħsieb it-tiġrijiet tad-dgħajjes tat-8 ta' Settembru, magħrufa bħala "Ir-Regatta". F'dawn it-tiġrijiet tieħu sehem il-banda tal-Pulizija għal aktar allegrija.

Bosta Pulizija jiġu dettaljati fit-toroq tar-Rabat, Buskett u Ħad-Dingli għall-kontroll tat-traffiku u l-paċi pubblika. Għall-istess raġuni Pulizija oħra jkunu għassa fit-triq tat-tiġrija, u b'hekk il-poplu jifraħ fil-lejl u f'jum il-festa ta' l-Imnarja. Jifraħ il-poplu b'rasu mistrieħa u l-Pulizija b'rasu maqsuma.

Ngħidu fl-aħħarnett li l-Pulizija, fil-lejl ta' l-Imnarja, fil-ġonna talBuskett, tagħmel fenkata għal Pulizija stess li jkunu jistgħu u jridu jmorru għaliha. Xejn xejn mill-mitluf tieħu li tista'.

IL-MOTOR VEHICLES REGULATIONS JINSAB GHALL BEJGH FL-UFFICCJU TAL-ASSOCIATION

PREZZ: 50 cents



# Contact Sullivan & Sullivan Ltd., Malta's Cargo and Travel Experts...

They can forward your personal effects boxes and/or cargo, conventional or containerised to all destinations, at special rates.

When planning for your holiday in the most economical and practical way, use their Travelmatic Service for any of the following facilities:-

Insured Apex to and from UK. USA and CANADA.

WINDSOR TOURS or any other inclusive tour to and from principal European Countries.

SPECIAL FARES to Australia.

**Sullivan & Sullivan Ltd.**
**150, St. Lucia Street,**
**Valletta.**

Telephone: 624715, 625946 during office hours.
30560, 31628, 31778 after office hours and on holidays.

CONT. FROM PAGE I

letters between the Central Office and the Branch Post Offices as well as the Agencies in the rural districts. In the rural areas, mail was collected from and delivered to the Postal Agencies within the Police Stations.

## THE POSTMAN

When the General Post Office took over the carriage of mails in 1893, a number of postmen, who presumably had been in the employ of the Mail Contractor, were transferred for duty with the Post Office. Some say, these were the first to be employed by the G.P.O., but I'm inclinde to believe that the first few postmen were employed soon after the establishment of th eMalta Post Office in 1885.

The postmen, once employed, were given a uniform which was very similar to that worn by police of the time, except for the initials G.P.O. worn on the stand-up collar and the buttons, which distinguished him for a police officer. Every postman was also entrusted with a tiny handstamp, containing a number, corresponding to that worn on the collar, enclosed in an oval frame; it was almost like a seal. Every postman was required to apply his handstamp to every letter or post-card he delivers. But this is a separate aspect which needs an article of its own.





The establishment of postal agencies within the police stations in the various villages marked a very important step in the development of the postal service in the Maltese Islands. However, while today's postal agencies offer, apart from the sale of stamps, registration of letters and parcel post, the police postal agency only sold stamps to the public and no delivery of letters was made from the same agencies.

Posting facilities were offored by wall letter boxes fixed on the outside of all the police stations, several of which are still in existence. After 1893, officials from the post office would collect these letters and hand them over at the General Post Office for sorting and subsequent delivery locally or abroad.

In most villages there were no deliveries of letters, but incoming letters to a particular village were displayed in glazed wooden frames within the Police Station. Whoever was expecting a letter would frequently call at the station to check whether there were any letters displayed addressed to him. However we do not exclude the possibility that policemen would deliver a few letters during their round. Some of these wooden glazed frames may still be in existence at various police stations, and information as to the existence of these frames would be most welcome through the Editor.

TKOMPLI MINN PAG 5

tax-xogħol u l-membri tal-Korp ikunu jistgħu jġibu lil marthom u ħbiebhom jarawhom jilagħbu. Dan qed ngħidu għaliex ma jinvolvi assolutament xejn, anzi iqħin biex tikber dejjem l-għaqda bejnietna.

## MOBILE CANTEEN

Tista' tgħid fuq l-istess suġġett, ta' min igħid xi ħaġa dwar il-Mobile Canteen. Illum ma għandniex mobile canteen u jagħmel tajjeb wieħed jissuġġerixxi li jiġi organizzat xi ħaġa. Din għandha sservi għal meta l-pulizija jiġu ordnati għal siegħat twal f'postijiet fejn ma jkunx hemm mnejn wieħed jieħu te u xi ħaġa biex jitrejjaq. "Xkora vojta ma tieqafx" igħid il-Malti. Sintendi l-ikel joħroġ mill-Mess tagħna u kull ma jkun hemm bżonn huwa xi vettura apposta fejn jinġarr. Xi sitt snin ilu kien hemm speċi ta' kiosk żgħira li serviet għal dan il-għan u li llum għal xi raġuni jew oħra mhiex tintuża. Dan kif għidt jgħinna mhux ftit fix-xogħol tagħna. Jingħad li Napuljun kien qal "Armata timxi fuq l-istonku tagħha". Li ried ifisser dan il-ġenju militari huwa li mhux biżżejjed ikollok is-suldati mħarrġa sew, jew ikollok moħħ strateġiku u karizma persunali. Hemm bżonn ta' kollox u fost kollox li tipprovdi l-armata bl-ikel. Għad li ħaseb għal kollox, Napuljun tilef, aħseb u ara x'kien jiġrilu kieku ma kienx preparat.

# IS-SISTEMA METRIKA U L-KULLIZJONIJIET

MINN HW HARRISON

PERESS li f'Malta issa qlibna għas-sistema metrika, id-dipartiment tagħna bħal dipartimenti oħra tal-Gvern, beda x-xogħol fuq l-użu ta' dan is-sistema u fost afarijiet oħra se tolqot l-isketches tal-kolliżjonijiet (sketch plans). Dan is-suġġett jiġi mgħallem lill-Pulizija fil-'courses' li jagħmlu meta jingaġġaw fil-Korp kif ukoll f'korsijiet oħra qabel jersqu għall-eżamijiet tas-Surġenti.

Bħala wieħed mill-istaff lecturers tal-Korp, ġejt imqabbad mill-Kummissarju tagħna biex nagħti lectures dwar is-sistema l-ġdida u l-pjanti tal-kolliżjonijiet. Lectures dwar dan is-suġġett diġa' ingħataw lil dawk il-Kuntistabblijiet li resqu għall-eżami tas-Surġenti ftit taż-żmien ilu.

Sa ftit żmien ilu, il-kejl użat fil-pjanti tal-kolliżjonijiet kien dak tal-piedi u pulzieri u bħala 'scale' kien jintuża ⅛"=1'. Dan l-kejl issa ma għadux jintuża u se nibdew inkejlu bil-metri u ċentimetri. Għalkemm dawn iż-żewġ metodi ta' qisien huma differenti, iżda kif se taraw, ftit se jkun hemm differenza fil-qisien tal'pjanti u d-daqs ta' dawn il-pjanti tista' tgħid se jibqa' l-istess.

Lis-'scale' il-ġdid ta' dawn il-pjanti se jkun kif se jiġi spjegat. Jekk tħarsu lejn il-qisien li hemm fuq ir-rotella li nużaw aħna, insibu li fuq naħa waħda hemm il-kejl bil-pulzieri u fuq in-naħa l-oħra bil-metri u ċentimetri u tajjeb li f'dan l-istadju ngħidu li jinħtieġ li ninsew darba għal dejjem is-sistema wżata qabel għaliex jekk nippruvaw nipparagunawhom ma' xulxin insibu li dan jibda jfixkilna u għalhekk aħjar inwarrbuhom fil-ġenb.

Il-qies il-ġdid fis-sistema metrika għall-kejl tal-kolliżjonijiet se jkun dak li nsejħu "representative ratio" jiġifieri r-ratio li l-pjanta għandha ma' l-oriġinal u li se tkun 1cm=1m u se nieħdu eżempju żgħir:

Nieħdu każ fejn kejjilna fit-triq u sibna distanza ta' 3 metri u 60 ċentimetri. Dan il-qies meta niġu biex nagħmluh fuq il-pjanta, irridu nkejlu l-qisien fuq ir-riga kif jidher hawn taħt (Fig. 1). Jiġifieri 3 ċentimetri jirrappreżentaw 3 metri u 6 millimetri jirrappreżentaw 60 ċentimetri. Hawn wieħed jinnota kemm din is-sistema hija ħafifa biex tużaha.

U biex niġi għal dak li ntqal qabel, jiġifieri għal dik li hi differenza ta' qisien qed jidħru żewġ pjant Fig. 2 u Fig. 3 wieħed bil-piedi u l-ieħor bil-metri. Hawn wieħed jinnota li d-differenza hija minima.

F'ħarġa oħra ta' dan il-Magażin jiġi spjegat u jingħataw xi eżempji fid-dettal ta' pjanti ta' kolliżjonijiet kif ukoll xi użanzi ta' kejl li jistgħu jiġu ntrodotti u li ftit jew xejn huma wżati fit-toroq tagħna. Dan qed isir bl-iskop li jgħina fix-xogħol tagħna in konnessjoni mal-pjanti tal-kolliżjonijiet u biex permezz ta' dan il-magażin il-pubbliku jkun jaf ukoll fil-fatt xi jkun qed isir meta l-pulizija tieħu pjanta ta' kolliżjoni.

FIG. 1




FIG 2




## L-IZVILUPP TAS-SISTEMA INTERNAZZJONALI TK.P.15

KIEN fis-seklu sbatax meta Simon Stevin, spettur ta' dgi fl-Olanda, ħareġ b'sistema deċimali tal-qisien. Madankollu, kellu jkun fl-1790 li -Assemblea Nazzjonali Franċiża ħatret kumitat biex jistudja l-possibilitajiet ta' sistema razzjonali ta' qisien.

Billi kien instab li s-sistema deċimali tan-numri tindara bla tbatija, intagħżlet sistema ta' qisien fuq bażi deċimali, mibnija fuq in-numru 10. Sistema bħal din tħaffef il-qlib minn qies għal ieħor billi timmoltiplika jew tiddividi b'10.

Fuq il-proposti tal-kumitat, ftit snin wara l-metru u l-kilogramm daħlu b'liġi fi Franza. Iżda kien mill-1890 'il quddiem li l-użu tagħhom sar ġenerali fi Franza u f'inħawi oħra ta' l-Ewropa. L-Ingilterra dak iż-żmien ma wrietx interess fl-użu ta' din is-sistema, iżda mill-1860 'il quddiem sew l-Ingilterra u kemm l-Istati Uniti għarrfu l-merti tas-sistema metrika billi awtorizzaw l-użu tagħha bħala t-tieni sistema fil-pajjiż, waqt li żammew l-unitajiet imperjali bħala l-kejl u l-




FIG 3

SKOND l-avviż legali Nru. 27/78 il-veloċita' tal-vetturi bil-mutur m'għandhiex teċċedi l-limitu kif jidher hawn taħt:

| **Klassi ta' vettura** | **Fl-ibliet u fl-irħula** | **Barra l-ibliet u l-irħula** |
|---|---|---|
| (A) Armati b'tyres pnewmatiċi | | |
| Taxicars | 40 | 65 |
| Motor cars għall-kiri | 40 | 65 |
| Karozzi self-drive | 40 | 65 |
| Cars privati | 40 | 65 |
| Motor cycles | 40 | 65 |
| Motor cycles għall-kiri | 40 | 65 |
| Karozzi tal-Mejtin bil-mutur | 40 | 50 |
| Inġenji ta' l-invalidi | 15 | 35 |
| Motor omnibuses | 35 | 50 |
| Vetturi tal-merkanzija | 35 | 35 |
| Tractors | 15 | 35 |
| Vetturi ta' l-irmunkar | 25 | 25 |
| Ambulanzi | Ebda limitu | Ebda limitu |
| Karozzi għat-tifi tan-nar | Ebda limitu | Ebda limitu |
| (B) Armati b'tyrs solidi | | |
| Il-vetturi kollha | 15 | 20 |

IPPARKJAR

Minn kantuniera: 4m

Minn 'Bus-Stop' jew 'Fare Stage': 12m

Minn 'Pedestrian Crossing': 4m

## CASIO ALARM COMPUTER




# NEW

**A superbly compact pocket Calculator, Clock, Alarm and Two-day Timer.**

- **Calculator**
  with Memory, Square/Powers, Time Calculations.
- **Clock**
  Accurate to 3 sec. per day.
- **Alarm**
  Buzzer sounds for 10 seconds.

## £m 23

*Sole Agents & Distributors*

**V.J.SALOMONE BUSINESS MACHINES LTD.**
138/C ST. CHRISTOPHER STREET. VALLETTA, TELEPHONE 21094

---

# Provincial Insurance Company Ltd.

## Offers you all classes of insurance

**INCLUDING:**

- Employers' Liability
- Fire
- Burglary
- Glass
- Public Liability
- Householders
- Comprehensive

# PROVINCIAL INSURANCE CO. LTD.

12/9, Vincenti Buildings, Strait Street, Valletta — Telephone 621249-27355

# KONT TAF LI...?

KULĦADD, xi darba jew oħra, ikkontja meta se 'jagħlaq'. Din il-kelma, tista' tgħid, qiegħda biss f'fomm il-pulizija.

Fil-kontijiet li ssemmew, hawn min jieħu l-iżbalji għar-raġunijiet li se nsemmu:

1. Għalkemm illum ma jingaġġawx pulizija taħt it-tmintax-il sena, fl-imgħoddi kienu jingaġġaw u għad hawn pulizija fil-Korp li daħlu ta' eta' ta' taħt it-tmintax-il sena. Dawn meta jiġu biex jikkuntjaw id-data ta' 'l-egħluq' tagħhom ma jridux jieħdu in konsiderazzjoni dak iż-żmien li ħadmu taħt it-tmintax-il sena.
2. Ħaġa oħra li għandha tittieħed in konsiderazzjoni hija r-rekluzzjoni li seta' wieħed għamel minħabba xi ksur tad-dixxiplina fl-imgħoddi. X'inhi din ir-rekluzzjoni? Fl-imgħoddi fost il-pieni fil-każijiet ta' nuqqas ta' dmirijiet kien hemm il-piena tar-rekluzzjoni li skond il-liġi kienet tingħata f'post ġewwa il-Belt Valletta (naturalment għax il-kwartieri tal-Pulizija kienu f'dak il-post). Ir-rekluzzjoni li kienet tingħata ma kienitx tkun ta' aktar minn sebat ijiem. Iż-żmien tar-rekluzzjoni kien mingħajr paga u għalhekk ma jgħoddx għall-finijiet ta' pensjoni. Jiġifieri jekk wieħed xi darba weħel ħamest ijiem rekluzzjoni, irid jispiċċa ħamest ijiem wara dik id-data li suppost ikun 'għalaq'.
3. Meta jintalab 'leave' mingħajr paga minħabba s-safar, dan iż-żmien ukoll irid jinħadem wara ż-żmien tas-servizz. Ir-raġuni ta' dan hija l-istess bħal dik ta' qabel, jiġifieri l-għaliex il-pulizija matul iż-żmien ta' dan il-leave, kif jixhed ismu, ikun mingħajr paga.

U la ssemma' l-irtirar mis-servizz tajjeb li jingħad xi ħaġa dwar din l-imbierka 'karta' li bħall-kelma 'għalaq' qegħda biss f'fomm il-pulizija. Wieħed jisma "Se nagħmel il-karta" jew "għamilt il-karta". X'inhi din il-karta.

Il-karta mhi xejn ħlief talba lill-Kummissarju tal-Pulizija biex wieħed jirtira mis-servizz. Din it-talba normalment issir fl-Uffiċċju tal-Personnel fil-preżenza ta' xhud tal-firma.

# MUTUAL HELP ASSOCIATION

Il-kontribuzzjonijiet tal-Mutual Help Association tax-xahar ta' Ġunju kienu għall-familji ta' l-imsemmija ex-membri tal-Korp:



Ex-Kuntistabbli Nru. 203 George Caruana.



Ex-Kuntistabbli Nru. 243 John Micallef.

Ħdimna magħhom f'ħajjithom — Niftakru fihom wara mewthom.
Agħtihom, O Mulej, il-mistrieħ ta' dejjem.

Fl-istess talba l-Pulizija jgħid jekk jixtieqx li l-penzjoni tiegħu tiġi ikkomutata, jiġifieri jekk ikunx irid jieħu penzjoni u s-somma jew penzjoni sħiħa biss.

Wieħed għandu jkun jaf ukoll li skond l-artiklu 12 ta' l-Ordinanza tal-Pulizija ebda membru tal-Korp ma jista' jirreżenja mill-Korp jew jirtira mid-dmirijiet tiegħu fil-Korp jekk ma jkunx espressament imħolli li jagħmel hekk bil-miktub.

# ŻJARA TAL-ĠENERAL L. POLI

Fl-4 ta' Mejju, 1978 il-Ġeneral ta' l-Armata Taljana, Luigi Poli għamel żjara ta' kortesija fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija fejn ġie milqugħ mill-Kummissarju u fizzjali oħra tal-Korp.



Il-Ġeneral Poli jispezzjoni l-Gwardja tal-Unur qabel daħal fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija




**DON'T LET** your ceiling get on top of you. Call **Marsa Plastics Ltd — the Suspended Ceiling Specialists** and walk tall. Not only will we put you a first class suspended ceiling on your head with the minimum of fuss and bother — but we'll leave you free to get on with other things while we do it. All you have to do is tell us what you want and when — we'll do the rest. Scaffolding, Labour, Materials — we'll supply the lot.

*Call the Specialists for Free Estimates*

*Marsa Plastics Limited*

*INDUSTRIAL ESTATE MARSA*

**TELEPHONE 621266 — 621267**

# GRUNDIG NEWS

SOLE AGENTS

**Jokate**

invites their esteemed clientele to visit the **NEW GRUNDIG AUDIO VISUAL DEPARTMENT**, where the latest complete range of **GRUNDIG** audio visual products for 1978 are on display.











**See the Grundig range at Jokate GROUP LTD** Sole Agents
VALLETTA 47 Zachary Str./PIETA' 43a Gwardamanġa Hill

GRUNDIG
Quality Remains Quality

# IL-FESTA TAS-SALIB

☐ DIN is-sena l-Korp tal-Pulizija ċċelebra l-Festa tas-Salib, liema festa kienet ilha ma tiġi ċċelebrata sitt snin.

Kif kellna l-okkażjoni ngħidu fil-ħarġa tal-magażin ta' Mejju li għadda din il-Festa kienet tiġi ċċelebrata fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija tal-Fleur de Lys kif ukoll f'dak tal-Belt.

Din is-sena, l-Festa tas-Salib ġiet iċċelebrata fit-3 ta' Mejju b'Quddiesa konċelebrata minn Monsinjur Arċisqof Ġużeppi Mercieca u Dun Fortunat Cachia u Patri Dijonisju Mintoff mgħejjuna minn Dun Karm Casha li saret fil-5 ta' fil-għaxija.

Fl-omelija Mons. Arċisqof qal li fil-Pulizija huwa jara l-Paċi u l-Ordni kif ukoll kontinwazzjoni tal-Appostli. Ġest tassew sabiħ u umli, waqt il-konċelebrarazzjoni ta' din il-Quddiesa, kien dak li waqt li Mons. Arċisqof ta l-Paċi lil kulħadd, niżel minn fuq l-artal u ħa b' idejn id-diriġenti tal-Korp li kienu viċin tal-Artal.

Issa li reġgħet daħlet iċ-ċelebrazzjoni ta' din il-Festa ma għandniex nitilquha, anzi għandna nippruvaw u nagħmlu l-almu tagħna biex fil-futur ikollna JUM IL-PULIZIJA. F'Ġurnata bħal din nistgħu niċċelebrawha b'diversi funzjonijiet fosthom anke parata. Ikun tassew xieraq li darba f'sena nagħmlu parata għalina. Jistgħu jsiru wkoll esebizzjonijiet kif diġa' kien hemm il-ħsieb li jsir. Iżda biex nagħtu bidu ma għandniex nistennew il-bajtra taqa' f'ħalqna u kulħadd għandu jgħin u jikkopera biex aħna wkoll niċċellebraw JUM IL-PULIZIJA.

Kif diġa' ssemma', din is-sena l-Festa Tas-Salib ġiet iċċelebrata fit-3 ta' Mejju. Il-Knisja llum qed tiċċelebra din il-Festa f'Settembru, iżda aħna nistgħu nżommu l-istess xahar li kienu jiċċelebraw ta' qabilna u nfakkru dan il-JUM fl-ewwel Ġimgħa ta' wara t-tlieta ta' Mejju. Madankollu, l-ġurnata hija mmaterjali basta jkollna l-ġurnata tagħna.

Fl-Italja, l-Pulizija Taljana (Vigili Urbani) tikkommemora l-festa ta' San Bastjan Martri, il-Qaddis Protettur tagħha li kien ġie proklamat mill-Q.T. il-Papa Pio XII fl-1957. Għal din il-festa li hija wkoll meqjusa bħal Police Day jiġu mistiedna diversi persuni distinti, fosthom is-Sindku ta' Ruma. J'Alla aħna wkoll nagħtu bidu għal ħwejjeġ bħal dawn bil-ħsieb li jkun hemm dejjem dik l-GHAQDA u ARMONIJA bejnietna.

*E.A.*

*tkompli minn p10*

użin legali. Dawn iż-żewġ pajjiżi ma setgħux ma jagħrfux is-sistema metrika billi l-unitajiet tradizzjonali li kellhom ma kenux biżżejjed biex ilaħħqu ma' l-iżvilupp imgħaġġel taxxjenza.

Fl-1870 Franza sejħet laqgħa internazzjonali biex tinstab sistema waħda uniformi minħabba fid-diffikultajiet li kienu qed jinħolqu biex taqleb jew tqabbel standards metriċi ta' pajjiż ma' ta' ieħor. Dawn l-isforzi wasslu għall-iffirmar f'Pariġi tat-trattat dwar il-Metru fl-1875.

It-Trattat stabbilixxa li għandu jkun hemm Konferenza Ġenerali dwar l-Użin u l-Kejl, li minn dak iż-żmien 'il hawn iltaqgħet minn żmien għall-ieħor biex tagħti definizzjonijiet ġodda. Tul is-snin, il-Konferenza Ġenerali wessgħet u pperfezzjonat is-sistema metrika. Fl-1960 il-Konferenza addottat l-International System of Units (Système International d'Unités) jew SI li hi s-sistema metrika rikonoxxuta mad-dinja fil-lingwi kollha.

Illum kważi d-dinja kollha jew diġa' tuża s-sistema metrika jew inkella qiegħda taqleb għal din is-sistema.






Trade Enquiries to the
Malta Agents: **JACK H. SERRA**
32-33 Old Bakery Street, Valletta. Tel: 626134

# BRITANNIA RESTAURANT

**3, St. Lucia Street, Valletta**

Unique for the best

- **PASTA**
- **STEAKS**
- **LASAGNE**

Enjoy exclusive atmosphere of under-ground restaurant at the

**BRITANNIA**

QUICK SERVICE
POPULAR PRICES

# CAFE' PREMIER

QUEEN'S SQUARE
VALLETTA

Well known for the most

- Delicious Confectionery,
- Pastries and
- Refreshments.

*Cafe' Premier*

*the one and only Open Air Cafe' in Valletta, enjoying unique reputation of an elite rendezvous for many years*

# *Paġna għan-Nisa*

## HOBB *Minn M.C.*

IL-BNIEDEM li għandu għatx kbir għall-imħabba jixtieq li jkun maħbub mill-ġenituri tiegħu, minn ħutu, minn ħbiebu, minn martu, minn uliedu. Tisma' min igħid li qed isofri, għax ma jħossux maħbub kemm għandu jkun. Meta tissuġġerixxi biex dak li jkun jimxi tajjeb ma' dak li jkun u jaddatta ruħu jew juża tattika ma' ħ[illegible]ideħ[illegible] issib min jirrispondik u jgħidlek: "Jiena ma nistax in[illegible]uel in-natural tiegħi. Jekk iridu, jaċċettawni kif jien bid-difetti li għandi." Mill-banda l-oħra, min igħid hekk issibu li hu mhux lest biex jaċċetta lil ħaddieħor bid-difetti li għandu.

L-imħabba fil-ħajja hija l-aktar ħaġa mportanti. L-imħabba għandu bżonnha kull bniedem sa mill-bidunett tal-ħajja tiegħu.

L-imħabba għandha gradi differenti, pero' kull grad mhux inqas mill-ieħor. Ngħidu aħna, il-ġenituri jħobbu lit-tfal tagħhom kollha, imma l-imħabba li għandhom għal binhom miżżewweġ mhix l-istess bħal dik l-imħabba li għandhom għal binthom iċ-ċkejkna li qiegħda d-dar.

Iż-żgħażagħ jgħaddu minn fażi u jaħsbu li l-ġenituri tagħhom mhux tassew iħobbuhom, u jaslu biex jikkonkludu li min-naħa tagħhom lanqas għandhom l-iċken doża ta' mħabba lejn il-ġenituri tagħhom. Il-ġenituri, mill-banda l-oħra, jarawhom koroh liż-żgħażagħ tagħhom, jibdew ma jaqblux mal-mod tal-ħajja li jixtiequ jgħixu wliedhom; u jekk jibqgħu jħobbuhom, għax ma jistax ikun il-kuntrarju, imma żgur li jgħaddu minn fażi li ma jkunux għal qalbhom.

Biex wieħed jinħabb, qabel xejn irid iħobb ħafna hu. U biex wieħed iħobb irid bis-sinċerita' u mhux superfiċjalment u jpatti b'ħafna kumplimenti biex taparsi jħobb ħafna. L-imħabba tinħass ħafna jekk tkun ġejja mill-qalb jew le. Imbagħad trid tħoss għal ħaddieħor u tagħdru u taċċettah bid-difetti, u tissaportih, bħalma forsi ħaddieħor jissaporti lilek. Trid tuża paċenzja u tipprova tkun kalma u twarrab għal kollox in-nervi, jew almenu taħbi n-nervi li għamilt minħabba dak li jkun.

Trid tkun ġeneruż b'tali mod li taħseb aktar fil-bżonnijiet ta' ħaddieħor milli f'tiegħek. U dak li tagħmel, tagħmlu mhux biex tirbaħ l-imħabba ta' dak li jkun għalik, daqs kemm tipprova min-naħa tiegħek tferraħ lil ħaddieħor.

Hobb jekk trid tgħix kuntent, għax jekk tħobb, ħafna mill-problemi u t-tilwim jgħibu fix-xejn.

# MILL-BORMA

### SOPPA TAL-PIŻELLI

**2½ kikkri piżelli imnaddfa u imsajra fi ftit misħun.**
**1 kuċċarina meraq ta' basla.**
**4 mgħaref butir**
**4 mgħaref tqiq**
**2 kuċċarini melħ**
**¼ kuċċarina bżar**
**4 kikkri ħalib sħun**
**2 kikkri ħalib jew aħjar li tuża krema mħabbta.**

**METODU**

Ħallat il-piżelli fl-istess ilma li użajt biex sajjarta mal-meraq tal-basla u sajjar għal 10 minuti u wara għaddi minn passatur.

Dewweb il-butir, żid it-tqiq, melħ, bżar u l-ħalib (4 kikkri), sajjar sakemm jiftaħ jagħli filwaqt li tkompli tħawwad il-ħin kollu. Żid fuqu l-puree' tal-piżelli u wara li tkun ħabbat il-krema tajjeb żid ukoll lilha.

Hekk tkun lesta biex isservieha u skond il-gosti tista sservi fuqha ħobż moqli u imqatta' cubes.

# DAK SEWQAN!




**Pulizija:** Għaliex mingħajr numru?
**MARA:** Għax nafu bl-amment.

KAĊĊATUR kien qed juri lil-ħabib tiegħu t-trophies li kien rebaħ f'kompetizzjonijiet tal-kaċċa ta' annimali slavaġġ.

Il-ħabib tiegħu ra tazza kbira u staqsa f'liema kompetizzjoni kienet intrebħet dik it-tazza.

Il-kaċċatur wieġeb li dik kienet rebħita l-mara tiegħu xi snin ilu meta qatlet iljunfant. Hawn il-ħabib staqsa:

"X'rifle kienet sparat biex qatlitu?"

Kaċċatur wieġeb: "Ma kienitx qatlitu b'rifle, iżda baqgħet dieħla fih bil-karozza."

# L-ANNIVERSARJI

GĦALKEMM kien hemm xi wħud (irġiel) li ma ħadux pjaċir b'dak li ntqal fil-ħarġa ta' Marzu taħt it-titlu "Is you man mean" se ngħidu wkoll li f'kull anniversarju suppost li jingħata rigal skond x'ikun l-anniversarju. Peress li hawn min ma jafx kif inhuma magħrufa l-anniversarji se nagħtikom il-lista:

1. Paper Anniversary
2. Cotton Anniversary
3. Leather Anniversary
4. Fruit jew Flower Anniversary
5. Wooden Anniversary
6. Sugar jew iron Anniversary
7. Wool jew copper Anniversary
8. Bronze jew pottery Anniversary
9. Pottery jew willow Anniversary
10. Tin Anniversary
11. Steel Anniversary
12. Silk jew linen Anniversary
13. Lace Anniversary
14. Ivory Anniversary
15. Crystal Anniversary
20. China Anniversary
25. Silver Anniversary
30. Pearl Anniversary
35. Coral Anniversary
40. Ruby Anniversary
45. Saphire Anniversary
50. Golden Anniversary
55. Emerald Anniversary
60. Diamond Anniversary

**Better Shop at:**

# CLAVIS

7, Republic Str., Valletta Tel: 626869
41, Tower Road, Sliema Tel: 35920

## CLAVIS GEMS

6, Freedom Sq., Valletta Tel: 23191
Hilton Hotel Foyer Tel: 36201
Grand Hotel Verdala Tel: 674901
Grand Hotel Excelsior Tel: 623661

## MELBA GIFTS

292, Republic Str., Vall Tel: 27435

## CROWN JEWELLERS

161, Britannia Str., Vall. Tel: 626869

## VALLETTA JEWELLERY

24, Freedom Sq., Vall. Tel: 23929

**Specialising in**
**ENGAGEMENT RINGS AND WEDDING RINGS**
**LARGE STOCKS OF E.P.N.S.**
**HAND-CUT BOHEMIAN AND GERMAN CRYSTAL**



# ROADHOUSE BUSKETT

***Presents Nightly***
***International Cabaret***



**★ LES MAGNIFIQUES ★**
**international dancers**
**plus other speciality acts.**

OPEN DAILY from 10.00 am
Serving
MORNING COFFEE, LUNCHES, AFTERNOON TEAS
and DINNER DANCES

** LOCAL FOLKLORE EVERY WEDNESDAY*

**Book in advance to avoid disappointment**
**TELEPHONE 674233-626542**

# PAGNA SPORTIVA

**minn ALFRED DEBATTISTA**

*1. FOOTBALL*

Meta taslilkom din il-ħarġa, l-interess fil-football ikun batta xi ftit, għalkemm ma tistax telimina dan l-interess l-aktar minħabba l-logħob tat-Tazza tad-Dinja li se tintlagħab fl-Arġentina. Għalhekk jaqbel li nagħtu l-aħħar daqqa ta' għajn dwar dak li għandu x'jaqsam mal-parti tagħna.

Din is-sena, minħabba l-parteċipazzjoni tat-team magħżul tagħna fil-kompetizzjoni "Football għal Kulħadd", kif ukoll minħabba n-numru kbir ta' korsijiet dwar l-eżamijiet tal-Kuntistabbli, Surġenti u Spetturi u ħafna courses oħra tal-Lingwi, ma nstabx ħin biex jiġi organizzat il-league tal-Football tad-Distretti. Ma' dan għandu jitqies ukoll in-nuqqas li għandna bħalissa f'lis-'Strength'. Nittamaw illi għal staġun ieħor, il-pożizzjoni tkun aħjar biex il-league ikun jista' jinbeda kmieni kemm jista' jkun.

Biex ipatti għal dan in-nuqqas, il-Kumitat Sportiv li għadu kif twaqqaf, għandu l-ħsieb li matul is-sajf, jorganizza 7-a-side Summer League bejn teamijiet tad-Distretti u Branches, f'postijiet u ħinijiet addattati li ma jikklaxxjawx mad-Detail tal-membri tagħna. Meta dan isir, il-players tagħna jibqgħu b'hekk attivi matul is-Sajf u dan jiswa ta' ġid kemm għat-teamijiet tad-distrett kif ukoll għat-team magħżul.

L-aħħar nota dwar il-Football hija r-rebħ minn Ħamrun CBB tal-Kompetizzjoni Football għal kulħadd. Dan kien it-team li elimina lit-team tagħna mill-kompetizzjoni u dan għal darb' oħra jikkonferma li għat-tieni sena nfila, it-team tagħna ġie eliminat minn dak it-team li finalment rebaħ il-kompetizzjoni. Is-sena l-oħra kien it-team tad-"Dirgħajn il-Maltin" li rebħilna fil-Quarter Finals u baqa' sejjer biex rebaħ il-Kompetizzjoni.

*2. BODYBUILDING*

Qed noqorbu għal bidu ta' numru ta' konkorsi Nazzjonali tal-Bodybiulding ġewwa Malta. Għalkemm hemm numru ta' membri dilettanti f'dan li Sport, jidher li ma hemmx dak in-numru meħtieġ ta' membri li laħqu l-livell meħtieġ biex inkunu nistgħu indaħħlu team li jirrappreżenta l-Korp. Jekk dan ma jsirx, allura nippruvaw indaħħlu xi membri individwali. George Abela huwa l-ewwel konkorrent li għandna. Nittama illi jkollna iżjed.

*3. BASKETBALL*

Minħabba r-raġunijiet illi semmejt fil-każ tal-League tal-football, anke l-formazzjoni tat-team tal-Basketball kellu jiġi pospost.

Diġa kien sar l-ewwel xogħol minn PS Alex Barberi u membri attivi f'dan il-qasam u għandna wkoll lista sħiħa ta' dawk il-membri li jinteresasw ruħhom f'dan li sport.

Nitama li ma jdumx ma jkun hemm l-opportunita' biex dan ix-xogħol li beda, jitkompla fix-xhur li ġejjin biex staġun ieħor ikollna ċ-ċans li għall-ewwel darba ndaħħlu team tal-Korp fil-League Nazjonali tal-Basketball.

Dawk li għal xi raġuni għadhom ma tawx isimhom lis-Surġent Barberi, għandhom jagħmlu dan kmieni kemm jista' jkun

*4. SPORT IEĦOR*

Għalkemm għad ma nħolqux kompetizzjonijiet għal Sport ieħor minbarra dawk imsemmija fuq, dan ma jfisirx li ma hawnx membri biżżejjed li jipprattikaw diversi sport.

Hemm numru sabiħ minn dawn il-membri li huma attivi ferm fil-Billiards Snooker, Darts, Table Tennis u Indoor Games oħra.

Għal dawn hemm maħsub li f'qasir żmien jinbdew kompetizzjonijiet. Sakemm taslilkom din il-ħarġa, nittama li tkun inħarġet Ċirkulari biex dawk interessati jirreġistraw għal dawn il-Kompetizzjonijiet.

Minbarra dawn l-"Indoor Games" hemm ukoll ħafna membri li jinteressahom sport ieħor ta' barra, bħal Clay Pigeon Shooting u Boċċi kif ukoll sport tas-Saif bħal Għawm, Waterpolo u Qdif.

Nittam li għad jasal i'-waqt li jkollna in-nies u ż-żmien sabiex dawn l-attivitajiet kollha sportivi jiġu organizzati. Il-Kumitat Sportiv għandu l-ħsieb li jsejjaħ membri li jifhmu f'xi qasam ta' dawn l-isports biex jgħin fit-tmexxija tagħhom meta jiġu organizzati.

Tajjeb għalhekk li dawk li jinteressaw ruħhom f'xi Sport partikulari, jibgħu attivi mill-aħjar li jistgħu biex meta tasal xi kompetizzjoni jkunu preparati.

## PROFIL

□ BARRA mid-dilettanti tal-kaċċa li għandna numru ġmiela tagħhom, hemm l-isport ieħor, dak tal-Clay Pigeon Shooting

Fost id-dilettanti ta' dan l-isport għandna lil Baskal Muscat (P.C. 316) li nistgħu ngħidu li għandu l-ogħla livell fost id-dilettanti li għandna fil-Korp.

Muscat jieħu sehem f'diversi kompetizzjonijiet individwali organizzati darba fix-xahar kif ukoll f'kompetizzjonijiet ta' teams fejn jikkompeti ma' team tal-Imsida.

Fl-1975 Muscat laħaq l-ogħla unur fil-karriera tiegħu meta ġie ddikjarat Malta Champion f' kompetizzjoni organizzata mill-Malta Shooting Federation.

Dan l-aħħar Muscat ġie magħżul ukoll fit-team Malti li ħa sehem f'kompetizzjoni bejn team Malti u ieħor Taljan.

Fir-ritratt Muscat jidher flimkien ma' ftit mit-trophies li rebaħ matul il-karriera tiegħu f'dan l-isport.



## LETTER FROM SUPT. KLAUS SCHUMAN

**Dear Mr Cachia,**

I have to thank you very much for your kindness, especially for receiving our group in the Police Headquarters in Floriana. It was a great and nice impression we had when we met you. All members of our group was fully satisfied during their stay in your beautiful island. Now my films are ready and after having spoken with the police president of Dortmunt, I will make a speech and show them the films in the presidium in the next few days.

There are a lot of persons interested about trip to the Island of Malta and it may be that I will repeat the journey to Malta next year again with another group. I will let you know all about a new journey when I am sure to have another group.

Please convey my thanks to all our police comrades, involved in our visit programme, especially the IPA members.

# ITTRI

Nixtieq ngħid prosit lil Rose Abela għal dak l-artiklu nteressanti dwar il-Police Club. Naqbel ħafna ma' dak li qalet u nistaqsi l-għaliex ma għandux ikollna club bħal ma għandhom ħaddiema oħra. Dan il-club huwa mportanti mhux biss għall-familji tal-Pulizija, iżda anke għall-Korp.

Kif qbilt ma' din l-idea jien, naħseb li hawn ħafna oħrajn, bħali u tkun ħaġa sabiħa kieku jiktbu dwaru fuq dan il-magażin u jagħtu s-suġġerimenti tagħhom. Ma għandhomx minn x'hiex jistħu jew jibżgħu u jagħmlu bħali u bħal Rose, kuraġġ! Nittamaw li xewqitna xi darba tinqata'.

**Mrs. P. Mangion**

Dan l-aħħar, aktar minn qabel, qed jidhru aktar ittri ta' lmenti b'konnessjoni mal-Korp f'diversi ġurnali lokali.

Issa li għandna magażin tagħna, kulħadd jistenna li dawn l-ilmenti tirċivihom l-Assoċjazzjoni tagħna kif appellat għal bosta drabi l-Assoċjazzjoni. Iżda jidher li ftit taw widen.

Fl-opinjoni tiegħi, meta jiġi ppublikat xi lment f'xi ġurnal, u fuq kollox tissemma' wkoli l-Assoċjazzjoni dan jirrifletti ħażin fuq kulħadd u sintendi fuq min kiteb.

Ma rridx nagħti wieħed x'jifhem li jiena ma għandix ilmenti x'nagħmel, jew li qed neħodha kontra ż-żgħir, iżda jiena kontra dawk li jitfgħu l-ġebla u jinħbew, jew dawk li jilmentaw minn kollox u ma jressqux il-problema tagħhom u b'hekk ifissruha aħjar.

Jiena nixtieq nappella lil sħabi biex meta għandhom għalfejn jilmentaw jilmentaw iżda bejnietna, u jekk jaħsbu li meta jagħmlu dan l-ilmenti tagħhom ma jersqux fejn għandhom jersqu, ineħħuha minn rashom u jistgħu jibqgħu ċerti li jsir minn kollox sabiex l-ilmenti tagħhom jiġu kkunsidrati. Dawn jingħataw ukoll risposta, tajba jew ħażina, iżda bl-ittra fil-ġurnal ma tieħu l-ebda sodisfazzjon.

Kif għidt, l-ilmenti jmorru fejn għandhom imorru u dan ġie pruvat lili u jien aċċettajtu u għalhekk nixtieq li nħeġġeġ lill-membri kollha tal-Korp sabiex jikkoperaw.

Z.R.

### MILL-IMGHODDI

FIL-HARĠA ta' Frar intqal xi ħaġa dwar l-Acting Sergeants u l-insignia li kellhom, jiġifieri il-penzjiet fuq id-driegħ tal-lemin u x-chevron fuq il-komma tax-xellug.

F'dan ir-ritratt jidher wieħed minn dawn l-Acting Sergeants bil-qiegħda n-naħa tal-lemin (fit-tarf). Hdejh jidher Surġent regolari. Bil-qiegħda fin-nofs jidher il-Maġġur Stivala li wara sar Kummissarju u ħdejh fuq il-lemin tiegħu hemm fizzjal tal-Pulizija. It-tielet mix-xellug jidher Surġent-Maġġur li dak iż-żmien (fl-għoxrinijiet) kien hemm wieħed biss u bħala insignia kellu l-iljuni.

Jekk inkomplu niflu dan ir-ritratt naraw li l-Pulizija ta' dak iż-żmien ma kenitx tilbes capcover tal-khaki bħal ma nilbsu llum.

Wieħed ukoll jinnota li minn fost ħamsa u għoxrin membru tal-korp hemm wieħed u għoxrin minnhom bil-mustaċċi.

